MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2011

Avviz Numru. 16/2004

Saviour u Mary Dolores
Konjuġi Theuma.

vs

Peter Paul Cassar,
Atlas Insurance Agency.

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-atturi talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhomx jiġu kkundannati minn din il-Qorti sabiex iħallsu s-somma ta' elf tmien mija u tnejn u erbgħin lira maltin u tnejn u disgħin ċenteżmu, rappreżentanti ħsarat kaġunati minnek, konvenut, nhar il-21 ta' Jannar 2003 f'kolliżjoni bejn il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CBD 931, tractor, illi kinet misjuqa minnek konvenut Peter Paul Cassar, f'liema kolliżjoni inti ħbatt ma' l-attriċi Mary Dolores Theuma illi kienet qed issuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni TFD 240, fi Triq

Għarib, Għajnsielem, Għawdex, liema kolliżjoni hija unikament responsabbilita' tal-konvenut Peter Paul Cassar minħabba nuqqas tat-tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, traskuraġni u imperizja fis-sewqan, previa dikjarazzjoni responsabbilta' tal-konvenut. L-imsemmija somma tirrappreżenta elf mitejn u tnejn u sebgħin lira Maltin u tnejn u disgħin ċenteżmu (LM1,272.92), ħsarat tal-vettura ta' l-attriċi u ħames mija u se bgħin lira maltin (LM570) kera ta' karozza għal xi żmien waqt illi l-vettura ta' l-attriċi kienet għat-tiswija. Bl-ispejjeż ta' l-ittri uffiċjali tal-10 ta' April, 2003, u tat-8 ta' Lulju, 2004 u tal-preżenti proċedura u bl-imgħaxijiet skond il-liġi.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-agenzija konvenuta Atlas Insurance Agency li eċċepiet illi:

Illi t-talbiet tal-atturi huma nfundati fid-dritt u fil-fatt u dan peress illi :

1. Il-bilanc pretiż mhuwiex dovut mill-istess soċjeta' assiguratriċi u dan peress illi l-istess soċjeta' assiguratriċi bl-ebda mod ma hija responsabbli għal dan l-inċident;

2. In oltre, mingħajr preġudizzju għas-suespost l-ammont ta' danni pretiżi huwa wieħed esaġerat;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Peter Paul Cassar li eċċepixxa illi:

1. Illi ċ-ċitazzjoni hija monka u nulla u dana peress illi ma fihiex talba sabiex il-konvenut jiġi dikjarat responsabbli għal inċident stradali in kwistjoni;

2. Illi fil-mertu u mingħajr ebda preġudizzju għal premess it-talbiet attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt peress illi l-konvenut bl-ebda mod u manjiera ma huwa responsabbli għal inċident imsemmi fl-avviż, liema inċident ġara unikament tort u ħtija tal-attriċi Mary Dolores

Theuma, kif jiġi pruvat dettaljatament waqt is-smiegħ tal-istess kawża;

3. Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr ebda preġudizzju għal premess, l-ammont mitlub huwa esaġerat għal aħħar kif faċilment jista' jiġi pruvat.

Rat il-verbal tagħha tad-19 ta' April 2011 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.
Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi ta' l-atturi u tal-konvenut Cassar.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża għad-danni mitluba in segwitu għal kollizzjoni li seħħet bejn il-karozza misjuqa mill-attriċi u *tractor* misjuq mill-konvenut Cassar. Din il-ħabta seħħet fl-inħawi ta' Għajnsielem fl-inkroċju bejn Triq Borg Għarib u Triq in-Nadur, meta l-karozza ta' attriċi li kienet għaddejja għad-dritt fi Triq Borg Għarib, intlaqtet mill-kaxxa tal-ħadid li kien hemm marbuta fuq in-naħa ta' wara tat-*tractor* misjuq mill-konvenut.

Billi din hija kawża bbażati fuq il-*culpa aquiliana* allegatament dovuta għan-negliġenza, traskuraġini u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Cassar bħala s-sewwieq tat-*tractor* imsemmi, l-Qorti ma tarax għalfejn ġiet imħarrka wkoll l-agenzija li magħha kienet assikurata l-vettura misjuqa mill-konvenut Cassar. Din l-agenzija, f'każ li jirriżulta li kien hemm xi ħtija da parti ta' l-istess konvenut Cassar għal dak li ġara, tista' tiġi mitluba minnu sabiex tagħmel tajjeb għad-danni likwidati, skond l-obbligi kuntrattwali tagħha. Imma, ma jista' jkun hemm ebda relazzjoni ġuridika bejn l-atturi u din l-agenzija assikuratriċi, u għalhekk hemm lok li din l-aġenzija tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

Niġu issa għat-trattazzjoni tal-mertu. Sfortunatament ma kien sar ebda skizz dettaljat mill-Pulizija in segwitu għal dan l-inċident stradali, għax ġie ttrattat bħala sempliċi

"*front to rear collision*" u minflok l-okkorrenza tas-soltu imtliet biss il-formula adibita għall-kolliżżjonijiet ta' dan it-tip li minnha ftit tista' tittieħed informazzjoni dwar dan l-inċident.[1] L-iskizz żgħir inkluż f'din il-formula jindika ż-żewġ vetturi involuti f'din il-kollizzjoni wara xulxin għad-dritt fil-karreġġjata tat-triq li mill-Qala tieħu għar-Rabat, bit-*tractor* quddiem u l-karozza ta' l-atturi warajh. Tidher ukoll *Stop Sign* fit-tarf tat-triq tan-Nadur fl-inkroċju ma' Triq Borg Għarib.

Kif jirriżulta wkoll mill-istess formula, *a tempo vergine* l-konvenut Cassar qal lis-surġent Josephine Cassar li nvestigat l-inċident: "*Hriġt għax ma rajt lil ħadd ġej u waslet fuqi f'daqqa'*." L-attriċi minn naħa l-oħra qalet: "*Kont għaddejja mill-Qala għar-Rabat u ħareġ minn Stop sign*."

Bħala ħsarat fil-vetturi rispettivi s-surġent indikat: "*Front bumper, bonnet, front right mudguard u front right headlamp*" fir-rigward tal-karozza misjuqa mill-attriċi, filwaqt illi l-vettura misjuqa minn Cassar kellha xi ħsara fuq il-*carrier*. [2]

Kif rajna, l-inċident stradali in kwistjoni seħħ f'salib it-toroq. Insibu fil-**Highway Code** f'dan ir-rigward illi:

"**84. Use extra care at junctions or intersections. Look out for the relevant traffic signs, traffic lights or carriageway markings and abide by them. Stop at STOP signs… Where there are no such signs exercise discretion and prudence.**

**85. Well before you turn at a junction take full account of the position and movement of following traffic. Signal your intention and, where safe to do so, take up the appropriate position. Wait until there is a safe gap between you and any approaching vehicle before you complete a righ t turn.**

---

[1] Ara Dok. JC -1 a fol. 25 .
[2] ibid.

**86. On turning at a junction look right, then left, then right again. Do not go on until you are sure that it is safe to do so...**

**91. Unless otherwise indicated, traffic on the major road has right of way on traffic crossing, joining or leaving the major road.**

**92. At an intersection or junction of a major road and a minor road, traffic on the latter road should give way to traffic on or coming off the major road."**
M'hemmx dubbju illi fil-każ in eżami l-*major road* kienet Triq Borg Għarib minn fejn kienet għaddejja l-attriċi, u għalhekk skond dawn ir-regoli kellha d-dritt tippretendi illi t-traffiku li jkun ħiereġ mit-triq sekondarja għandu jċedilha. Ġie ribadit fid-dottrina illi: "*There is a well recognised rule that traffic entering or crossing a main road must give way to traffic proceeding along the main road from either direction… it is important that the rule should be observed and the right which it confers should not be allowed to be whittled away; drivers who have the rule in their favour are entitled that the rule will be observed by others*." [3] Hekk ukoll ingħad illi: "*When coming from a side road into a main road, the driver or rider on a vehicle should select such a moment as will allow him to enter the main road with safety*."[4]

Ġie enfasiżżat mill-qrati tagħna illi s-*side road user* għandu dritt li jaqsam għal ġo *main road* meta bid-debita prudenza, jkun aċċerta ruħu li din hi libera,[5] u li dan irid jidħol ġo *main road* bla ma jieħu riskju li sewwieq prudenti ma jieħux.[6]

Fil-każ tagħna nsibu li l-konvenut stqarr li waqaf fuq l-istop sign u ħa d-debiti prekawzjonijiet kollha rikjesti minnu fiċ-ċirkostanzi, tant hu hekk illi wara li aċċerta ruħu li ma kien ġej ħadd mill-ebda direzzjoni, qasam għan-naħa l-oħra tal-

[3] O.C. Mazengard : Negligence on the Highway (Butterworths Ed. 1962 pg. 326 - 327) .
[4] Charlesworth : The Law of Negligence (2nd Ed. pg. 82) .
[5] Appell Kriminali : Pulizija vs Nazzareno Borg : 11.11.1960 .
[6] Appell Kriminali : Pulizija vs Giuseppe Galdes : kollez. vol. XXXVII p. 1108 .

*main road* u dawwar x'ħin f'daqqa waħda tfaċċat fuqu l-karozza misjuqa mill-attriċi u tagħtu daqqa minn wara ġo l-kaxxa li kellu marbuta mat-tractor.[7] Mill-provi prodotti jidher pero' li l-affarijiet ma ġrawx proprju kif qed isostni l-istess konvenut. Infatti l-attriċi tinsisti li Cassar qabad u ħareġ fil-*main road* hekk kif tfaċċa f'tarf it-triq tan-Nadur. Fl-affidavit tagħha spjegat illi: "… *jiena kont insuq il-karozza fit-triq tal-Qala. Flimkien miegħi kien hemm ommi li kienet riekba fuq in-naħa ta' wara u binti li kienet riekba fuq in-naħa ta' quddiem… Jiena kont qed insuq mid-direzzjoni tal-Qala għar-Rabat. Dak il-ħin ma kienx hemm traffiku fit-triq u jien kont qed insuq normali. Kif wasalt quddiem it-triq li tagħti għan-Nadur, kien hemm tractor illi baqa' ħiereġ mit-triq tan-Nadur għal fuqna. Dan kien qed iġorr karru żgħir warajh u laqat il-karozza tiegħi bil-ġemb ta' dan il-karru fuq in-naħa tal-passiġġier, fil-kantuniera tal-karozza jiġifieri fuq in-naħa tal-lemin tal-karozza… Il-karozza tiegħi hija left hand drive. Għalkemm hemmhekk hemm stop sign, billi it-triq tan-Nadur tagħti għal fuq il-main road li minnha konna ghaddejjin aħhna, dan it-tractor ma waqafx fuq l-istop sign iżda baqa' ħiereġ għal ġo l-main road bil-konsegwenza illi ħabat magħna. Tant ma kienx rana fit-triq illi x'ħin ħabat magħna huwa baqa' sejjer u jien kelli ndoqq il-ħorn diversi drabi biex hu waqaf. Hu ma waqafx fil-post fejn seħħet il-ħabta. Jien ippruvajt inrekken mal-ġemb tan-naħa tat-triq imma ma kienx hemm aktar fejn trekken. Fil-fatt x'ħin ġejt biex ninżel mill-karozza ma stajtx noħroġ faċilment minn naħa tiegħi għax il-bieba ma kienitx tinfetaħ tant kemm il-karozza kienet qrib il-ħajt tat-triq…".* [8]

Bint l-attriċi bejn wieħed u ieħor ikkonfermat dak li xehdet ommha.[9] Sinjifikanti ħafna għas-soluzzjoni ta' dan il-każ huwa dak li xehdet is-surġent Camilleri fis-sens li x'ħin marret tinvestiga l-kolliżżjoni, ftit wara li seħħet, ix-xemx kienet għadha tiela min-naħa tal-lvant, u ċioe' minn fejn kienet ġejja l-attriċi. " … i*x-xufier Cassar, x'ħin kien qed idur, dan meta ħares mid-direzzjoni li kienet ġejja l-vettura l-oħra, kellu x-xemx tiela, dan kien l-inċident ġara*

[7] ara wkoll id-deposizzjoni tieghu a fol. 108 - 109 .
[8] ara affidavit ta' l-attrici a fol. 14 .
[9] ara affidavit taghha Dok. St2 a fol. 12 -13 .

*f'Jannar, u kienu xi t-tmienja u nofs ta' filgħodu… jiġifieri dik setgħet forsi ostakolat milli jara l-vettura l-oħra li ġejja*."[10]

Jidher għalhekk illi l-konvenut Cassar, minkejja li x-xemx kienet qed tostakolalu l-viżwali tiegħu, xorta waħda ma qadx attent biżżejjed għat-traffiku li seta' kien għaddej fuq il-*main road*, bil-konsegwenza li l-vettura ta' l-attriċi assolutament ma rahiex ġejja mid-direzzjoni tal-Qala, kif anke jikkonferma hu stess, u baqa' ħiereġ. Tant ma ndunax bil-karozza ta' l-attriċi li laħaq dawwar għad-dritt u mexa xi ftit ukoll qabel ma waqaf. Anke l-fatt li d-daqqa l-attriċi ħaditha fil-kantuniera tal-lemin ta' quddiem tal-karozza,[11] jindika li din intlaqtet x'ħin Cassar kien għadu qed idawwar u mhux li daħlet ġo fih x'ħin ġia kien ġie għad-dritt, kif qed jallega.

Jibqa' biss sabiex jiġi nvestigat jekk l-attriċi nnifisha setgħetx ikkontribwiet b'xi mod għall-istess inċident. Bħala l-*main road user* bir-raġun kienet tippretendi illi jkollha d-dritta fit-triq, u li jekk kien hemm xi vetturi neżlin mit-triq tan-Nadur, dawn kienu ser jieqfu f'salib it-toroq u jċedulha. M'hemmx dubbju li l-attriċi ġiet rinfaċċjata b' *a sudden emergency* bil-manuvra imprudenti tal-konvenut, li qabad u ħareġ f'daqqa għal ġo l-*main road*. Huwa minnu wkoll illi ma tantx setgħet tieħu *evasive action* effettiva, ħlief li ġġenneb kemm tista' għax-xellug tat-triq kif fil-fatt għamlet. Għalkemm il-konvenut Cassar ma qal xejn f'dan ir-rigward, fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu jinxteħet id-dubju li l-attriċi setgħet kienet qed issuq b'veloċita' iżjed minn dik konsentita fl-inħawi. Pero' dwar dan ma tressqet ebda tip ta' prova u din l-allegazzjoni qed tiġi għalhekk skartata.

Jirriżulta għalhekk sodisfaċentement illi għal din il-kolliżżjoni jaħti unikament il-konvenut Cassar.

Irid jiġi issa ndagat jekk id-danni reklamati mill-atturi humiex ġustifikati. Fl-avviż tagħhom l-atturi qed jitolbu r-

[10] ara xhieda taghha a fol. 22 .

[11] ara deskrizzjoni tal-hsarat fil-karozza taghha u ritratti esebiti bhala Dokti ST 1 u ST2 a fol. 38, 39 .

rifużjoni tas-somma ta' elf tmien mija u tnejn u erbgħin lira maltija u tnejn u disgħin ċenteżmu (LM1842.92) rapreżentanti Lm1272.92 spejjeż biex tiġi msewwija l-karozza tagħhom in segwitu għal dan l-inċident u Lm570 kera ta' karozza oħra għaż-żmien li ma setgħux jinqdew bil-karozza tagħhom. Fir-rigward ta' l-ispejjeż għall-*parts* u tiswija, l-atturi ppreżentaw kopja ta' *invoice* maħruġa mill-*garage* minn fejn kienu xtraw il-karozza tagħhom,[12] u diversi *invoices* u riċevuti oħra in konnesjoni mal-*freight* biex il-*parts* meħtieġa ġew importati mill-Kanada, u max-xogħol rikjest biex tissewwa l-istess karozza.[13] Dawn ma ġewx kontestati mill-konvenut Cassar, jidhru ġustifikati fiċ-ċirkostanzi u għalhekk huma ripetibbli.

Fir-rigward imbagħad tal-kiri ta' karozza alternattiva sakemm saru r-riparazzjonijiet meħtieġa, l-atturi spjegaw illi peress li l-karozza tagħhom kienu ġabuha mill-Kanada u bħalha ma kienux jinbiegħu f'dawn il-gżejjer, il-*parts* għaliha kellhom jiġu ordnati minn hemm. Dan neċessarjament ħadilhom iż-żmien u kien għalhekk li kellhom jikru karozza għal tmenin ġurnata. Għal dan il-fini ppreżentaw riċevuta fiskali għas-somma ta' Lm570, kkalkolata bir-rata ta' seba' liri (Lm7) kuljum.[14] Apparti l-fatt li tmenin ġurnata b'din ir-rata jġibu Lm560, l-konvenut Cassar qed jikkontesta n-neċessita' ta' kiri ta' karrozza għal dan it-tul ta' żmien kollu, u jargumenta li sakemm waslu dawn il-*parts* setgħu saru xi tiswijiet u *panel beating* u l-karozza xorta waħda setgħet tintuża. Is-*surveyor* li eżamina l-karozza ta' l-attrui wara l-ħabta, kkalkula li normalment sitt ijiem kienu żmien biżżejjed biex isiru t-tiswijiet meħtieġa.[15] Naturalment billi l-*parts* ma kienux mmedjatament disponibbli, peress li riedu jiġu mportati minn barra, kif ġia spjegat, żgur li kienu meħtieġa ħafna iżjed minn dawn is-sitt ijiem. Madankollu, tenut kont in-natura tal-ħsarat ikkawżati, u partikolarment illi l-*parts* kienu jinkludu uħud essenzjali bħal dwal, li mhux faċilment karozza tista' tintuża mingħajrhom, l-atturi kellhom raġun ma jużawx il-karozza tagħhom qabel ma jiġu nstallati

[12] Dok. ST 6 a fol. 43 .
[13] Dokti. ST 7 - 18 a fol. 44 – 55 .
[14] Dok. TS 1 a fol. 76 .
[15] ara Dok. ST 14 a fol. 51 .

dawn il-*parts*. Is-somma ta' Lm560 għall-kiri ta' karozza hija għalhekk ripetibbli wkoll.

Lejn tmiem is-smiegħ ta' din il-kawża, l-konvenut Cassar għamel tentattiv ta' transazzjoni billi offra ċerta somma lill-atturi.[16] Din ma gietx aċċettata billi ma kienitx tinkludi l-imgħaxijet relattivi. L-istess konvenut għalhekk jippretendi li, f'każ ta' ħtija,  m'għandux jeħel ukoll l-imgħaxijiet fuq l-ammont dovut minn meta saret din l-offerta. Billi pero' l-atturi kellhom kull dritt jinsistu għall-imgħaxijet fuq l-ammont minnhom mitlub, li wara kollox ġie kkonfermat bħala dovut, u l-istess konvenut lanqas ma ddepożita s-somma offerta fir-Reġistru ta' din il-Qorti, jiġi li l-imgħaxijiet huma dovuti minn meta saret din it-talba sad-data tal-ħlas effettiv.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi filwaqt illi tillibera lill-aġenzija konvenuta Atlas Insurance Agency mill-osservanza  tal-ġudizzju, bl-ispejjeż relattivi kontra l-atturi, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut l-ieħor Peter Paul Cassar, tiddikjarah unikament responsabbli mill-inċident stradali mertu ta' din il-kawża, u tikkundannah iħallas is-somma ta' elf tmien mija tnejn u tletin lira maltija u tnejn u disgħin ċenteżmu (Lm1832.92), ekwivalenti llum għal erbat elef mitejn disgħa u sittin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (EUR4269.97), bl-imgħaxijiet relattivi fuq din is-somma mid-data tal-preżentata ta' dan l-Avviż sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut Cassar.

Bl-ispejjeż l-oħra jkunu a karigu tal-konvenut Cassar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[16] ara verbal ta' l-udjenza tat-22 ta' Marzu 2011 .